# NIĊEĊ F'ĦAL-GĦARGĦUR

Sa mill-ibgħad żminijiet, il-poplu Malti kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna u l-qaddisin. Għalhekk, f'kull belt u raħal insibu niċeċ bi statwi tal-Madonna u qaddisin li lejhom kien ikun hemm devozzjoni partikulari. Fir-raħal tagħna, din id-devozzjoni ma naqsitx, tant li fit-toroq l-aktar qodma tar-raħal tagħna mal-faċċati ta' xi djar, nsibu madwar għaxar niċeċ bl-istatwi fihom. Dan il-fattur kien jgħin biex tikber id-devozzjoni lejn l-Omm tagħna Marija u l-qaddisin.

Insibu li xi wħud minn dawn in-niċeċ saru bħala parti mill-bini tad-djar, waqt li oħrajn setgħu saru wara forsi bħala wegħda għal xi grazzja maqlugħa bl-interċessjoni tal-qaddis partikulari li f'ġieħu tkun saret in-niċċa. Dawn in-niċeċ saru fi żminijiet differenti u dan nistgħu ngħiduh mill-kwalita ta' xogħol li fihom; xi wħud saru fis-seklu sbatax, oħrajn fis-seklu tmintax; dawk l-aktar imżejnin saru fis-seklu dsatax. Xi wħud minn dawn in-niċeċ huma żgħar u sempliċi, filwaqt li l-maġġoranza huma mdaqqsin u dekorati bi skultura u gwarniċi. Waqt li xi wħud mill-istatwi li nsibu f'dawn in-niċeċ huma skolpiti minn artisti tajbin, oħrajn ġew magħmula minn xi delettanti iżda peress li jinsabu fl-għoli, wieħed ma tantx ikun jista' jinduna bid-difetti li jkun fihom.

Fil-parti ta' wara tal-knisja insibu li hemm tlieta minn dawn in-niċeċ: l-ewwel waħda hekk kif nitilqu mill-pjazzetta u nibdew *Triq il-Kbira.* Hija niċċa kbira mżejna b'dekorazzjonijiet u gwarniċa bi statwa sabiħa ta' San Ġużepp bil-Bambin fuq driegħu. Quddiem din in-niċċa hemm brazz sabiħ b'fanal tal-ħadid li fl-antik kien jinxtegħel biż-żejt jew bix-xema. Kemm in-niċċa, kif ukoll l-istatwa jinsabu f'kundizzjoni tajba.

Aktar 'l isfel fl-istess triq, insibu niċċa żgħira bl-istatwa ta' San Pawl Appostlu; dawn huma xi ftit mikulin biż-żmien li għadda minn fuqhom. Ninżlu aktar 'l isfel u fuq il-faċċata ta' dar antika ħafna hemm daqsxejn ta' niċċa sempliċi bi statwa tal-Madonna tal-Karmnu; din l-istatwa tinsab fi stat ħażin ħafna, b'idejha miksura u fil-bżonn ta' restawr.

Ftit 'il fuq fl-istess triq hemm triq dejqa, magħrufa bħala *New Street.* Fil-bidu ta' din it-triq hemm niċċa sabiħa mal-faċċata ta' dar fejn żmien ilu kien hemm forn. Din in-niċċa għandha statwa ta' San Luigi Konzaga u hija miżmuma tajjeb ħafna. Fl-istess trejqa hemm niċċa oħra sabiħa bi statwa ta' San Bartilmew Appostlu. Tidher maħduma u miżmuma tajjeb.

Niċċa mdaqqsa tinsab mal-faċċata ta' dar żgħira fi *Sqaq Warda* fejn għandna statwa tal-Madonna bil-Bambin f'idejha. Dawn in-niċċa u l-istatwa jidhru maħduma mhux ħażin u jinsabu f'kundizzjoni tajba. Taħt in-niċċa hemm kitba li tgħid li tinqala indulgenza ta' 40 jum minn kull min jgħid ***Salve Regina*** bil-qima quddiem din ix-xbieha.

Niġu, mbagħad, għall-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali. Mal- faċċata tad-dar nru 10 għandna niċċa bi statwa ta' San Bartilmew Appostlu, liema niċċa u statwa jidhru li mhumiex imkabra. Fuq in-naħa l-oħra tal-pjazza, mal-faċċata dekorata tad-dar nru 16 hemm niċċa sabiħa imżejna bi gwarniċi u skultura; fiha hemm statwa sabiħa u maħduma tajjeb ħafna ta' San Pawl Appostlu; sew in-niċċa kif ukoll l-istatwa huma miżmumin tajjeb ħafna. Dwar din l-istatwa ta' San Pawl jingħad li kienet teżisti ferm qabel in-niċċa li saret madwar mitt sena ilu meta nbniet il-faċċata ta' din id-dar; l-istatwa, iżda, kienet teżisti qabel u kienet impoġġija fuq il-faċċata terrana ta' l-istess dar kif kienet qabel il-bidu tas-seklu.

F'nofs *Triq Mons. Luigi Catania* insibu niċċa sabiħa mal-faċċata tad-dar li tinsab f'kantuniera ma' Triq Ferdinandu. F'din in-niċċa hemm statwa tal-Kunċizzjoni u quddiemha hemm brazz bil-fanal tal-ħadid. Lejn tarf l-istess triq hemm niċċa oħra sempliċi: fiha nsibu statwa tal-Madonna, imqegħda fiha ftit tas-snin ilu; din in-niċċa saritilha bieba ta' l-'aluminium' bi ħġieġa quddiemha.

Niċċa nteressanti hija dik li hemm taħt il-frontispizzju tal-Knisja Santwarju ta' Santa Marija taż-Żellieqa: fiha hemm statwa mdaqqsa ta' Santa Marija b'idejha 'l fuq li ġiet maħduma minn Lorenzo Sammut mill-Għargħur ftit snin qabel il-gwerra fi żmien li fih Dun Karm Vella kien prokuratur ta' l-istess knisja santwarju.

Bla dubju ta' xejn, l-aktar niċċa nteressanti li għandna f'Ħal Għargħur, minħabba l-post li qegħda fih, hija dik li hemm fl-għar ta' San Brinkat. Fiha naraw Kurċifiss bejn żewġ statwi waħda ta' San Pietru u l-oħra ta' San Pankrazju (San Brinkat). Din in-niċċa storika hija ferm antika u dari kien hemm devozzjoni kbira lejha minn dawk li kienu jgħaddu minn quddiemha, telgħin u niżlin għall-Magħtab. Taħt in-niċċa hemm kitba li tgħid li tingħata indulġenza lil min jgħid Kredu quddiem dawn ix-xbihat. F'din in-niċċa hemm ukoll post fejn tista' titqiegħed lampa taż-żejt li kienu jixgħelu bħala devozzjoni u qima.



Ftit taż-żmien ilu saret niċċa ġdida ħdejn il-kmamar tan-nar u fiha tpoġġiet statwa sabiħa tal-Madonna. Din l-istatwa ġiet mogħtija lill-Grupp tan-nar minn xi Għargħurin li qegħdin l-Awstralja biex il-Madonna tħares minn kull periklu lil dawk li jaħdmu n-nar għall-festa ta' San Bert.

Dawn in-niċeċ kollha li semmejt ġew magħmulin minn missierijietna bħala xhieda ħajja tad-devozzjoni qawwija li kellhom lejn il-Madonna u l-Qaddisin. Illum qed ingawduhom aħna u hekk jgħaddu għand uliedna bħala wirt storiku u xhieda tat-twemmin. Aħna għandna ngħożżuhom u nħarsuhom mill-aħjar li nistgħu biex jibqgħu iżejnu t-toroq tar-raħal tagħna.

Lino Wettinger